MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 428/2014

**Elmo Insurance Limited**

**Vs**

**Peter MUSCAT SCERRI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Lulju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mija wiehed u sittin euro u hames centezmi ta' euro [€361.05c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-somma ta' tlett mija wiehed u sittin ewro u hames centezmi [€361.05] mitluba f'dan l-avviz tirraprezenta d-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici Elmo Insurance Limited, konsegwenza ta' hlas

erronju a favur il-konvenut Peter Muscat Scerri rizultat tas-segwenti kronologija ta' fatti:

1. Is-socjeta attrici Elmo Insurance Limited kienet debitur tas-socjeta assikurattiva tal-konvenut – SMS Insurance Agency Limited – fis-somma ta' tlett mija wiehed u sittin ewro u hames centezmi [€361.05] u dan sussegwenti ghall-incident awtomobilitiku illi sehh fis-27 ta' Mejju 2011, fejn giet registrata claim mill-konvenut mal-imsemmija assikurazzjoni SMS Insurance Agency Limited bin-numru 2011FPT0007.

2. Illi, erronjament, dan l-ammont thallas lill-konvenut minflok lill-assikurazzjoni tieghu SMS Insurance Agency Limited, illi kienet diga indennizzat lill-imsemmi konvenut id-danni rizultanti mill-incident fuq imsemmi u dan minghajr l-gharfien tas-socjeta attrici. Ghalhekk, dan l-ammont kien dovut lis-socjeta SMS Insurance Agency Limited u mhux lill-konvenut.

3. Illi minhabba li l-konvenut kien qed jirrifjuta illi jirrifondi lura tali hlas, is-socjeta attrici kienet kostretta terga thallas l-ammont ta' €361.05 fuq indikat lis-socjeta assikurattiva tieghu SMS Insurance Agency Limited, liema ammont ghalhekk qieghed jigi reklamat mill-istess konvenut.

   Bl-ispejjes, inluzi dawk tal-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tas-6 ta' Awwissu, 2013 u bl-imghax legali b'effett mis-6 ta' Awwissu 2013 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fis-26 ta' Novembru, 2014 u dan skond ma jirrizulta minn tergo ta' fol. 12 u li la ppreżenta risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta’ l-Avukat Dottor Alessia Zammit McKeon li kkonfermat li l-ammont pretiz ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Alessia Zammit McKeon iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta’ tlett mija wiehed u sittin euro u hames centezmi ta’ euro [€361.05c] u dan peress li hija hallset dan l-ammont lill-intimat meta fir-rejalta ma kellhiex hekk thallsu u dan peress li l-intimat kien diga gie indennizzat mis-socjeta assikurattrici tieghu SMS Insurance Agency Limited f’ dan l-ammont ghall-incident awtomobilistiku li kien sehh fis-27 ta’ Mejju, 2011.

Ikkunsidra;

2. Illi Dr. Alessia Zammit McKeon ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ tlett mija wiehed u sittin euro u hames centezmi ta’ euro [€361.05c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fis-26 ta' Novembru, 2014 u dan skond ma jirrizulta minn tergo ta' fol. 12 u li la ppreżenta risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mija wiehed u sittin euro u hames centezmi ta' euro [€361.05c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-6 ta' Awwissu, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fis-6 ta' Awwissu, 2013, huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------